# Biex ma Ninsewx Egħluq it-80 Sena mill-
# *Kungress Nazzjonali Djoċesan u t-Tberik tal-Baħar minn fuq ta' Lourdes*

***Jikteb Dun Karm Cassar***

Minn dak li kien jgħidli Karmelo Galea Rapa imlaqqam tal-Bużaqq, naf li għal dan l-imsemmi kungress, f'Għajnsielem ġie mwaqqaf kumitat apposta biex fl-Imġarr, minn fuq l-għolja ta' Lourdes, tingħata l-Barka Solenni tal-Baħar. Minkejja xi diffikultajiet li nqalgħu u li setgħu fixklu din il-manifestazzjoni grandjuża f'raħalna, Mons. Gonzi, meta ra kemm kien kbir l-entużjażmu lejn il-Kungress Djoċesan, mhux biss ikkonċeda li din il-Barka Solenni ssir f'Għajnsielem, anzi hu stess kien li mexxa, forsi wkoll ma' xi Isqfijiet oħra, il-purċissjoni mill-knisja parrokkjali għax-Xatt. Irrid ngħid ukoll, kif qalli 'il fuq l-imsemmi Karmelo Galea Rapa, Mons. Isqof Gonzi baqa' tant impressjonat bil-mod kif kienet organizzata din il-manifestazzjoni li l-għada tal-Kungress ġie hu stess in persona fir-raħal tagħna biex jifraħ u jirringrazzja lill-kumitat organizzattiv tar-raħal tagħna.



Niftakar f'din l-okkażjoni lil ħija Toni, il-kbir fost ħuti u li llum qiegħed jistrieħ fi ħdan il-Mulej li ġie fis-sagristija bl-ilbies ta' l-abbati mgħoddija tajjeb biex illibbishomli għall-ewwel darba għall-purċissjoni spettakolari tal-Kungress. Din il-purċissjoni telgħet mill-knisja parrokkjali tagħna għal fuq l-għolja ta' Lourdes minn fejn Mons. Isqof Gonzi bierek bis-santissimu Sagrament lill-baħar kaħlani tagħna minn taħt tribuna kbira maħduma apposta għal din il-ġrajja, tribuna li l-kolonni u l-kapitelli goffi tagħha bqajt nara matul żogħożiti f'dak il-lok li kellha l-knisja f' Garden Street u li konna nsejħula l-Każin'. Għal din il-purċissjoni attendew nies minn Għawdex kollu, l-aktar mill-irħula tal-qrib li mas-saċerdoti u l-fratellanzi tagħhom komplew jagħtu dehra aktar imponenti lil dan l-avveniment.

Minkejja li l-Isqof Gonzi kellu dak il-ħin impenji oħra, għaraf jirranġa biex ikun preżenti u kif ġa għidna kien hu (li forsi wkoll ma' xi isqfijiet oħra li kienu xi seba' f'Għawdex għall-Kungress) li mexxa l-purċissjoni lejn Triq ta' Lourdes u wara l-Barka immarċjat lejn il-Knisja tal-Patrijiet fejn hemm il-parteċipanti neħħew minn fuqhom l-abiti proċessjonali.

Għall-ġieħ ta' l-istorja hu sew li nsemmi li l-knisja parrokkjali kienet imżejna b'ilbies ta' festa, bil-ġirandola l-kbira, li dak iż-żmien kienet għadha kważi ġdida, bil-gandlieri l-kbar u li bejniethom flok fjuri jew appostli kien hemm vażetti biż-żbull, is-simbolu ta' l-Ewkaristija. Mal-pilastri maġġuri tal-knisja kien hemm imdendla mozzettuni twal tal-ward artifiċjali u erbgħa tabelli b'versi ewkaristiċi fuq l-arkati tal-korsija.

Anke t-triqat kienu wkoll imżejna u sa' l-bibien u l-loġoġ tad-djar kienu ddekorati b'tant tazzi taż-żejt u wkoll il-figuri u l-inskrizzjonijiet impittra lin-nies minn Pawlu Zerafa u Karmelo Galea Rapa. Kien li f'din l-epoka li Għajnsielem ħa spinta kbira biex itella' tant arbli bil-bandieri fuq id-djar għall-festi kif għadna naraw sallum. F'din il-ġrajja kien, ma nafx pero' jekk appożitament jew b'kumbinazzjoni, li sorġa' fil-Xatt il-vapur il-Lubjana li bis-serena li kellu tant armonjuża daqq is-salut waqt il-Barka tal-baħar. Din il-lejla sajfija ta' Ġunju 1929 hekk iddeskrivieta l-gazetta "Leħen is-Sewwa" tad-29 ta' ġunju 1929: "... eċċellenti għall-aħħar il-Purċissjoni li minn Għajnsielem għax-Xatt għamel l-istess Mons. Isqof Gonzi, is-Sibt fil-għaxija; fejn minn ħdejn il-Knisja ta' Lourdes, bid-DMUGH F'GHAJNEJH għal li ħass f'qalbu dak il-ħin, fost it-tifsir tal-vapuri u entużjażmu li ma jintesa' qatt, mar ibierek il-baħar tagħna...tal-Benedizzjoni tal-Baħar li b'għaqal liema bħalu għarfu jlestu dak l-armar hekk gravi, u jorganizzaw dawk il-funzjonijiet li għandhom jibqgħu għal żmien twil stampati bil-menti ta' kull min kellu x-xorti jarahom u jgawdihom."

***Meħudha minn GHAJNSIELEM Dicembru 1996***